# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 7 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 7.**
**Citazz. Nru. 1578/00 JRM.**

**Vivian Corporation Ltd.**

**vs**

**Carmel Portelli.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremetiet:

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elf sitt mija u sitta u erbghin liri Maltin u tnejn u hamsin centezmi (Lm1,646.52) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti merkanzija lilu mibjugha u konsenjati mis-

socjeta' attrici skond il-fattura hawn annessa markata Dokument A;

Illi minkejja interpellat ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u sitta u erbghin liri Maltin u tnejn u hamsin centezmi (Lm1,646.52) dovuti kif fuq intqal;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt biex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u sitta u erbghin liri Maltin u tnejn u hamsin centezmi (Lm1,646.52) dovuti kif fuq intqal u bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tas-sentenza sal-jum tal-hlas effettiv.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**7, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**7, ta' Novembru, 2000.**